

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Il-Każ M.9962 — Mylan/Aspen's EU Thrombosis Business)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 317/08)

1. Fis-17 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup>.

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Mylan Ireland Limited ("Mylan", l-Irlanda),
- Aspen EU Thrombosis Business (il-"Kumpanija fil-Mira", Mauritius), li tappartjeni għall-grupp Aspen Pharmacare Holdings LTD.

Mylan takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv tal-impriża fil-mira kollha hi. Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Mylan tiżviluppa, tilliċenzja, timmanifattura, tikkummerċjalizza u tidistribwixxi farmaċewtiċi ġeneriċi, tad-ditta ġeneriċi u ta' speċjalità flimkien ma' prodotti OTC u prodotti tal-kura tas-saħħa tal-konsumatur;
- Il-Kumpanija fil-Mira tinkludi ċerti drittijiet ta' kummerċjalizzazzjoni u drittijiet ta' proprjetà intellettuali relatati tal-prodotti antitrombotiċi ta' Aspen fiż-ŻEE, jiġifieri l-molekuli Nadroparin (ismijiet tad-ditta Fraxiparine u Fraxodi), Fondaparinux (isem tad-ditta Arixtra), Certoparin (isem tad-ditta Mono Emborex) u Danaparoid (isem tad-ditta Orgaran).

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9962 — Mylan/Aspen's EU Thrombosis Business

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").